TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 396/11/GZ

**Rennie u Joe Muscat**

**vs**

**Mecca Enterprises Limited**

Illum 25 ta' April 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf u erbghin Ewro (€1040.00), rapprezentanti l-prezz li hallsu ghal pool, il-pompa ta' liema kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

Kienu xtraw pool minghand is-socjeta' ntimata, fejn hija kienet qaltilhom illi kollox kien facli u spjegatilhom x'riedu jaghmlu biex jarmawh. Kif ir-rikorrenti qabdu l-pompa, hija kienet bdiet tahdem pero' ma bdietx taghmel moviment go l-pool. Ghalhekk, ir-rikorrenti kienu cemplu lis-socjeta' ntimata ghal darba, darbtejn u anke tliet darbiet sabiex jistaqsuha ghalfejn il-pompa ma kenitx qed taghmel moviment, fejn is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom biex jekk hemm bzonn tibdlilhom il-pompa, pero' r-rikorrenti kienu qalu lis-socjeta' illi l-pompa kienet qed tahdem izda ma kienux certi jekk kienux qabduha sew. Peress illi l-pompa ma bdietx taghmel movimenti, ir-rikorrenti kienu marru ghand is-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

socjeta' ntimata, fejn il-partijiet kienu ftehmu illi s-socjeta' kienet ser tmur fuq il-post sabiex tara x'inhija l-problema, pero' mbaghad kienet bidlet fehmitha u r-rikorrenti kienu offrew li jmorru ghaliha huma u jergghu jwassluha. Pero' kif is-socjeta' bidlet fehmitha, hija kienet qaltilhom illi lanqas li kieku kien cabin cruiser ma kenitx ser tmur ghandhom, ahseb u ara pool, sa fl-ahhar is-socjeta' qaltilhom sabiex imorru ghand tal-Konsumatur.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienu marru ghandha sabiex jaraw il-pool diversi drabi. Is-socjeta' kienet ofretilhom il-pool ghall-prezz ta' elf u erbghin Ewro (€1040.00) billi taghthom 'wholesale discount' fuq pool gdid li ssoltu jiswa elf tliet mija disgha u disghin Ewro (€1399.00). Ir-rikorrenti kienu telqu u rritornaw wara ftit ijiem, fejn xtraw l-imsemmi pool. Hekk skond il-procedura normali taghha, is-socjeta' ntimata spjegat kull pass ghal kif kellu jigi nstallat il-pool. Hija rrakkommandat certu accessorji li kienu necessarji ghall-installazzjoni tal–pool, u spjegat ukoll kif ghandu jintuza l-'chlorine' sabiex jitnaddaf l-ilma ecc. Ir-rikorrenti kienu staqsew jekk is-socjeta' toffrix is-servizz ta' l-installazzjoni, fejn is-socjeta' kienet informathom illi hija ma toffrix dan is-servizz. Pero' xorta wahda, is-socjeta' kienet uriethom il-kontenut tal-pool, inkluz il-manual fejn hemm spjegat b'mod dettaljat kif ghandha ssir l-installazzjoni. Is-socjeta' spjegatilhom ukoll kif il-pompa kellha tkun ghola mill-livell ta' l-art, u b'hekk tkun tahdem ahjar. Il-gurnata ta' wara, ir-rikorrenti regghu marru lura ghand is-socjeta' ntimata fejn qalu li ma kellhomx ideja kif kellha ssir l-installazzjoni. Bil-pacenzja kollha, is-socjeta' regghat spjegat kollox u dehru sodisfatti.

Wara xi jumejn, ir-rikorrenti cemplu lis-socjeta', fejn is-socjeta' regghat spjegat lil persuna ohra kif kellha ssir l-installazzjoni.

Il-gurnata ta' wara, ir-rikorrenti cemplu lis-socjeta' ntimata sabiex jinformawha illi kien irnexxielhom jinstallawha kif suppost, pero' li kienu qed jahsbu li forsi l-pompa ma kenitx b'sahhitha bizzejjed jew li kienu nstallawha hazin. Huma kkonfermaw illi l-pompa kienet ma' l-art. Hawnhekk, is-socjeta' regghat spjegat illi l-pompa kienet tahdem ahjar li kieku tkun livell ghola u livell ma' l-ilma tal-pool, u f'dan il-mument ir-rikorrenti kienu bdew jidghu u jghajtu li s-socjeta' missha tmur ghandhom u tinstalla kollox ghalihom.

Is-socjeta' ntimata kienet qaltilhom illi b'din l-atitudni hija kienet ser taqta' t-telefon, u staqsiethom biex jikkalmaw u jipprovaw jifhmu. Ghal liema, ir-rikorrenti rrispondew: "Jekk ma tigix hawn tara x'ghandu il-pool, nigi hemm is-showroom u nkisser kull ma hemm. Haqq ismi bil-karozza b'kollox nibda diehel."

Kien f'dan l-istadju illi s-socjeta' ntimata ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija, wara liema, r-rikorrenti kienu dahlu fil-hanut tas-socjeta' jghajtu: "Kull ma hawn nifqaghlek

jekk ma tigix u tarmaghli l-pool sew int. Il-flus lilek tajthom!". Ir-rikorrenti wrew il-booklet li kien gie ssuplixxit lilhom flimkien mal-pool u qalu li ma kienx hemm istruzzjonijiet. Is-socjeta' kienet regghat spjegat kollox lir-rikorrenti u wkoll uriethom illi kien hemm l-istruzzjonijiet kollha li kienu ghadhom kif spjegaw fil-booklet. Pero' ir-rikorrenti kienu rrispondew billi qalu: "Int tippretendi li jien noqghod naqra il-manual?"

Is-socjeta' ntimata regghat spjegat kif hija ma toffrix is-serviz ta' installazzjoni fuq il-post, pero' qalet lir-rikorrenti illi jekk huma hasbu li l-pompa kienet difettuza, setghu johduha lura ghand is-socjeta' sabiex ticcekjaha. F'dan il-mument ir-rikorrenti bdew jghajtu illi ma kien hemm xejn hazin fil-pompa.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw l-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew sett ta' ritratti li gew immarkati bhala Dok.RM1 sa Dok.RM4, li juru l-istat li jinsab fih il-pool in kwistjoni, kif ukoll ircevuti tal-prezz tal-pool komplut li xtraw, li gew immarkati bhala Dok.RM5.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi ziedet tghid, fuq domanda tat-Tribunal, illi l-prezz tal-pompa huwa ta' mija hamsa u ghoxrin Ewro (€125.00)

It-Tribunal jinnota illi kien hemm qbil bejn il-partijiet rigwardanti l-fatt illi l-offerta da parti tas-socjeta' ntimata kienet saret diversi drabi sabiex ir-rikorrenti jiehdu l-pompa lura ghandha ghall-ispezzjoni, wara liema, jekk irrizulta li l-pompa kienet difettuza s-socjeta' kienet lesta li tbiddilha immedjatament, specjalment fid-dawl li kienet ghadha koperta bil-garanzija.

Ir-Tribunal jinnota wkoll illi, wara diversi domandi mill-istess Tribunal, irrizulta illi r-rikorrenti dejjem baqghu jirrifjutaw li jiehdu l-pompa ghand is-socjeta' ntimata sabiex tigi spezzjonata, u jekk tkun difettuza tinbidel, pero' lanqas huma stess ma kienu jafu ghalfejn irrifjutaw li jaghmlu dan.

It-Tribunal ma jistax ma josservax l-attitudni aggressiva u dispreggjattiva tar-rikorrenti lejn dan it-Tribunal, flimkien mal-fatt illi anke meta t-Tribunal ssuggerixxa illi huma jiehdu l-pompa ghand is-socjeta' ntimata, liema socjeta' kienet ghadha qed toffri li tghin ir-rikorrenti b'dan il-mod, huma baqghu jirrifjutaw illi jaghmlu dan.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi ma ngabet l-ebda prova rigwardanti d-difett jew oltre ta' l-imsemmija pompa, u flimkien mal-fatt ukoll illi minghajr ebda raguni, wisq inqas ebda raguni valida, u dana da parti tar-rikorrenti, l-istess rikorrenti baqghu jirrifjutaw illi jiehdu l-istess pompa ghand is-socjeta' ntimata sabiex jekk tinsab li hija diffettuza tinbidel immedjatament, qed jichad it-talba tar-rikorrenti fuq nuqqas ta' provi, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**